II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1386

tad-9 ta' Awwissu 2022

li jestendi deroga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 fir-rigward tad-distanza minima mill-kosta u l-fond minimu tal-baħar għas-sajd bit-tartaruni għall-makku (*Aphia minuta*) f'ċerti ilmijiet territorjali tal-Italja (it-Toskana u l-Ligurja)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(5) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-4 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 988/2011 ([2]) li jistabbilixxi għall-ewwel darba deroga mill-ewwel subparagrafu, tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 sal-31 ta' Marzu 2014 dwar id-distanza minima mill-kosta u l-fond minimu tal-baħar għas-sajd bit-tartaruni għall-makku (*Aphia minuta*) f'ċerti ilmijiet territorjali tal-Italja (it-Toskana u l-Ligurja). Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2407 ([3]), ingħatat estensjoni ta' dik id-deroga, li skadiet fil-31 ta' Marzu 2018. Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1634 ([4]), ingħatat estensjoni oħra ta' dik id-deroga, li skadiet fil-31 ta' Marzu 2021.

(2) Fl-10 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni rċeviet talba mill-Italja għal estensjoni ta' dik id-deroga, dwar l-użu tas-sajd bit-tartaruni għall-makku (*Aphia minuta*), fl-ilmijiet territorjali tagħha fir-reġjuni tat-Toskana u l-Ligurja.

(3) L-Italja tat ġustifikazzjonijiet xjentifiċi u tekniċi aġġornati għall-estensjoni ta' dik id-deroga.

(4) Fl-14 ta' Ottubru 2021, b'Digriet ([5]) l-Italja adottat il-pjan ta' ġestjoni f'konformità mal-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 ("il-pjan ta' ġestjoni Taljan").

([1]) ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 988/2011 tal-4 ta' Ottubru 2011 li jistabbilixxi deroga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar id-distanza minima mill-kosta u l-fond minimu tal-baħar għas-sajd mill-bastimenti tas-sajd bit-tartarun għall-makku (*Aphia minuta*) f'ċerti ilmijiet territorjali tal-Italja (ĠU L 260, 5.10.2011, p. 15).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2407 tat-18 ta' Diċembru 2015 li jġedded id-deroga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar id-distanza minima mill-kosta u l-fond minimu tal-baħar għas-sajd mill-bastimenti tas-sajd bit-tartarun għall-makku (*Aphia minuta*) f'ċerti ilmijiet territorjali tal-Italja (ĠU L 333, 19.12.2015, p. 104).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1634 tat-30 ta' Ottubru 2018 li jġedded id-deroga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mad-distanza minima mill-kosta u mal-fond minimu tal-baħar għas-sajd bit-tartaruni għall-makku (*Aphia minuta*) f'ċerti ilmijiet territorjali tal-Italja (ĠU L 272, 31.10.2018, p. 35).

([5]) *Gazzetta Ufficiale della Repubblica Italiana* 297, 15.12.2021, pag. 46.

(5) It-talba tikkonċerna attivitajiet tas-sajd diġà awtorizzati mill-Italja u tkopri bastimenti li għandhom rekord ippruvat ta' aktar minn ħames snin fis-sajd u li joperaw skont il-pjan ta' ġestjoni Taljan adottat f'konformità mal-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 ("pjan ta' ġestjoni") fl-14 ta' Ottubru 2021.

(6) It-talba tkopri 117-il bastiment, b'tul b'kollox ta' anqas minn 14-il metru u bi sforz totali ta' 5 886,9 kW għal bastimenti, u l-pjan ta' ġestjoni jiggarantixxi li mhux se jiżdied l-isforz tas-sajd, kif meħtieġ mill-Artikolu 13(9) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

(7) Dawk il-bastimenti huma inklużi f'lista li ntbagħtet lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 13(9) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

(8) Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd ("STECF") ivvaluta l-estensjoni tad-deroga li talbet l-Italja u l-abbozz relatat għall-pjan ta' ġestjoni fis-sessjoni plenarja tiegħu li saret mit-22 sas-26 ta' Marzu 2021 ([6]).

(9) Il-valutazzjoni ġenerali mill-STECF hija pożittiva u l-abbozz tal-pjan ta' ġestjoni fih l-elementi ewlenin li jappoġġaw it-talba. L-informazzjoni dwar il-bijoloġija u l-ekoloġija, il-flotta u l-isforz tagħha huma ppreżentati tajjeb. L-Italja ntalbet teżamina ftit elementi li kienu jeħtieġu kjarifika ulterjuri dwar il-pożizzjoni tal-operazzjonijiet tas-sajd, il-livell tal-iskattaturi tas-salvagwardji u l-iskedar tar-rispons tal-ġestjoni. Sabiex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet, l-awtoritajiet Taljani qablu li jipprovdu d-*data* addizzjonali meħtieġa. Id-deroga mitluba mill-Italja hija konformi mal-Artikolu 13(5) u (9) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

(10) Id-deroga li talbet l-Italja taffettwa għadd limitat ta' bastimenti u hemm limitazzjonijiet ġeografiċi speċifiċi, minħabba d-daqs limitat tal-blata kontinentali u minħabba d-distribuzzjoni spazjali tal-ispeċijiet fil-mira li jillimitaw il-postijiet għas-sajd.

(11) Is-sajd ma jistax isir bi rkaptu ieħor, peress li t-tartaruni biss għandhom il-karatteristiċi tekniċi meħtieġa biex jitwettaq dan it-tip ta' sajd.

(12) Kif imsemmi fil-premessa 9, l-STECF talab għal *data* addizzjonali dwar id-distribuzzjoni ġeografika tal-attivitajiet tas-sajd b'rabta mad-distribuzzjoni tal-ħabitats tal-alka. L-Italja pprovdiet din id-*data* addizzjonali li tikkonferma l-post tas-sajd u n-nuqqas ta' sovrapożizzjoni mal-qigħan tal-*Posidonia*. Barra minn hekk, f'dak li għandu x'jaqsam mal-impatt fuq qiegħ il-baħar, l-osservazzjonijiet li twettqu abbord matul l-istaġuni tas-sajd juru li t-tartaruni joperaw b'mod effettiv biss fejn qiegħ il-baħar ikun nadif u jkun magħmul mir-ramel jew mit-tajn. Dan ta' hawn fuq iwassal għall-konklużjoni li s-sajd bit-tartaruni ma għandux impatt sinifikanti fuq il-ħabitats protetti u huwa selettiv ħafna, minħabba li t-tartaruni jiġu kalati fil-kolonna tal-ilma u ma jmissux ma' qiegħ il-baħar – fil-fatt, kieku jingħabar il-materjal minn qiegħ il-baħar, dan jagħmel dannu lill-ispeċi fil-mira u jagħmilha kważi impossibbli li wieħed jagħżel l-ispeċi mistada minħabba d-daqs żgħir ħafna ta' dan it-tip ta' ħut.

(13) L-attivitajiet tas-sajd ikkonċernati jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 minħabba li l-pjan ta' ġestjoni li l-Italja adottat jipprojbixxi b'mod ċar li wieħed jistad fil-ħabitats protetti.

(14) L-attivitajiet tas-sajd ikkonċernati ma jinterferixxux mal-irkapti għajr dawk tat-tkarkir, tat-tartaruni jew ta' xbieki rmunkati simili.

(15) Barra minn hekk, is-sajd ma għandu l-ebda impatt sinifikanti fuq l-ambjent tal-baħar, peress li t-tartaruni huma rkapti selettivi ħafna u ma jmissux ma' qiegħ il-baħar.

([6]) Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) - is-66 Rapport Plenarju (PLEN-21-01). EUR 28359 EN, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2021, disponibbli hawnhekk: https://stecf.jrc.ec.europa.eu/reports/plenary/-/asset_publisher/oS6k/document/id/2851300

(16) Ir-rekwiżiti tal-punt (h) tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, kif sostitwiti bl-Artikolu 8(1) u bit-Taqsima I, tal-Parti B, tal-Anness IX tar-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]), mhumiex applikabbli għaliex jirrigwardaw il-bastimenti tat-tkarkir.

(17) L-Italja awtorizzat deroga mill-qies minimu tal-malji stabbilit fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 abbażi tal-issodisfar tar-rekwiżiti tal-Artikolu 9(7) ta' dak ir-Regolament minħabba n-natura selettiva ħafna tas-sajd ikkonċernat, l-effett negliġibbli tiegħu fuq l-ambjent tal-baħar u minħabba li mhuwiex affettwat mid-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

(18) Għalkemm l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 tħassar bir-Regolament (UE) 2019/1241, il-punt 4, tal-Parti B, tal-Anness IX, ta' dak ir-Regolament jippermetti li jkomplu japplikaw derogi mid-daqsijiet minimi tal-malji abbażi ta' ċerti kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 15(5) ta' dak ir-Regolament. Tali derogi li kellhom ikunu fis-seħħ fl-14 ta' Awwissu 2019, ma jwasslux għal deterjorament tal-istandards ta' selettività, b'mod partikolari f'termini ta' żieda fil-qabdiet ta' ħut li għadu qed jikber, u għandhom l-għan li jiksbu l-objettivi u l-miri stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4 ta' dak ir-Regolament. L-estensjoni mitluba tikkonforma mal-kundizzjonijiet imsemmija.

(19) L-attivitajiet tas-sajd ikkonċernati jitwettqu f'distanza qasira ħafna mill-kosta f'ilmijiet baxxi fi ħdan l-istrixxa tat-tliet mili nawtiċi u għaldaqstant ma jfixklux l-attivitajiet ta' bastimenti oħra.

(20) Il-pjan ta' ġestjoni jirregola l-attività tat-tartaruni biex jiġi żgurat li l-qabdiet tal-ispeċijiet imsemmija fl-Anness IX tar-Regolament (UE) 2019/1241 ikunu minimi. Barra minn hekk, skont il-paragrafu 6 tal-pjan ta' ġestjoni Taljan, il-makku (*Aphia minuta*) jista' jiġi mistad biss fl-istaġun tas-sajd ta' bejn l-1 ta' Novembru u l-31 ta' Marzu ta' kull sena u kull bastiment jista' jistad għalih tul għadd massimu ta' 60 jum f'kull staġun tas-sajd.

(21) It-tartaruni huma selettivi ħafna u ċ-ċefalopodi mhumiex fil-mira tagħhom.

(22) Il-pjan ta' ġestjoni fih miżuri għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd, kif previst fit-tielet subparagrafu, tal-Artikolu 13(9) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

(23) L-attivitajiet tas-sajd ikkonċernati jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ([8]).

(24) Għalhekk jenħtieġ li l-estensjoni mitluba tad-deroga tingħata għal tliet snin.

(25) Jenħtieġ li l-Italja tibgħat rapport lill-Kummissjoni fiż-żmien dovut u f'konformità mal-pjan ta' monitoraġġ previst fil-pjan ta' ġestjoni Taljan.

(26) Jenħtieġ li tiġi introdotta limitazzjoni fuq id-durata tad-deroga, sabiex ikunu jistgħu jittieħdu fil-pront il-miżuri ta' ġestjoni korrettivi f'każ li r-rapport lill-Kummissjoni juri status ħażin ta' konservazzjoni tal-istokk sfruttat, filwaqt li jitħalla ambitu sabiex tittejjeb il-bażi xjentifika għal pjan ta' ġestjoni aħjar.

(27) Peress li d-deroga mogħtija bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1634 skadiet fil-31 ta' Marzu 2021 u l-istaġun tas-sajd jibda fl-1 ta' Novembru ta' kull sena, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità legali, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika b'effett mill-1 ta' Novembru 2021.

([7]) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105).

([8]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

(28) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza.

(29) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Deroga

L-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 ma għandux japplika għas-sajd bit-tartarun għall-makku (*Aphia minuta*) użati fl-ilmijiet territorjali tal-Italja li jmissu mal-kosta tar-reġjun tal-Ligurja u tar-reġjun tat-Toskana diment li dawk il-bastimenti:

(a) jkunu rreġistrati fid-Direttorati Marittimi ("Direzione Marittima") ta' Ġenova u ta' Livorno rispettivament;

(b) ikollhom rekord ippruvat ta' aktar minn ħames snin fis-sajd u mhux se jiżdidilhom l-isforz tas-sajd fil-futur; kif ukoll

(c) ikollhom awtorizzazzjoni tas-sajd u joperaw skont il-pjan ta' ġestjoni li adottat l-Italja f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

Artikolu 2

Monitoraġġ u rapportar

Sal-1 ta' Novembru 2022, l-Italja għandha tikkomunika lill-Kummissjoni rapport imfassal f'konformità mal-pjan ta' monitoraġġ stabbilit fil-pjan ta' ġestjoni msemmi fl-Artikolu 1(c).

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u perjodu ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Novembru 2021 sal-31 ta' Marzu 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Awwissu 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN